C/2025/6693

10.12.2025

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Kunsill 2011/72/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

(C/2025/6693)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/72/PESK [1], u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 [2], dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija.

Il-Kunsill irċieva informazzjoni mill-awtoritajiet Tuneżini li ser tiġi kkunsidrata fil-qafas tar-rieżami annwali tal-miżuri restrittivi li jikkonċernaw il-persuni kollha elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/72/PESK u fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 101/2011. Il-persuni kkonċernati huma b'dan infurmati li huma jistgħu jagħmlu talba lill-Kunsill biex jiksbu l-informazzjoni marbuta magħhom, qabel is-**16 ta' Diċembru 2025,** fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
General Secretariat
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Email: sanctions@consilium.europa.eu

Ser jittieħed kont ta' kwalunkwe osservazzjoni rċevuta għall-fini tar-rieżami perjodiku tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2011/72/PESK u l-Artikolu 12(4) tar-Regolament (UE) Nru 101/2011.

[1] ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62.
[2] ĠU L 31, 5.2.2011, p. 1.